**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Marzu 2024**

**Rikors Guramentat numru : 123 /2020 AGV fl-ismijiet**

**R sive R P**

***vs***

**G P**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors Guramentat** ta' **R sive R A P fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar l-4 ta' Jannar 1986 gewwa l-Knisja tal-Madonna ta' Loreto, fi Gwardamangia, u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat "**Dok. A.**"

2. Illi miz-zwieg tal-kontendenti twieldu tlett (3) itfal, u cioe' C  fit-23 ta' Frar, 1989,  J fil-5 ta' Frar 1995 u S fis-7 ta' Novembru 1996, u illi ghalhekk illum kollha lahqu l-eta' maggorenni.

3. Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment u l-hajja konjugali taghhom giet resa impossibli minhabba ragunijiet serji ammissibbli fil-ligi li jaghtu lok ghall-firda personali u li huma imputabbli unikament lill-intimat, kif ukoll minhabba inkompatibilita ta' karattru tal-partijiet, u dan kif se jigi ppruvat ahjar fil-mori ta' dina l-kawza.

4. Illi l-esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha mill-jedd li taghtiha l-ligi sabiex tipprezenta dina l-kawza ghall-firda personali minn mal-intimat zewgha, kif awtorizzata li taghmel bid-digriet numru 1525/20 moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' Awwissu 2020, kopja ta' liema digriet qieghda tigi hawn annessa u mmarkata "**Dok. B.**"

5. Illi l-esponenti, bhala omm u mara mizzewga, dejjem qdiet id-dmirijiet taghha bhala mara tad-dar, in sostenn tal-familja kollha, filwaqt illi l-intimat zewgha dejjem qeda d-dmirijiet tieghu bhala l-uniku *breadwinner* tal-familja u ghalhekk bhala konsegwenza tal-firda personali l-esponenti tkun tehtieg illi jigi allokat lilha retta alimentarja ragjonevoli u adegwata sabiex tkun tista' tghajjex lilha nnifisha.

6. Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponenti qieghdha tipprocedi ghall-firda personali minn mal-intimat zewgha skond il-ligi.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:-

1. Tiddikjara illi l-hajja konjugali tal-kontendenti tkissret irrimedjabilment minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat.

2. Tiddikjara u tippronunzja l-firda personali tal-partijiet *a mensa et thoro* skont il-ligi.

3. Tistabbilixxi dik ir-retta alimentarja illi ghandha tithallas regolarment lir-rikorrenti da parti tal-intimat, u tordna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik l-istess retta alimentarja.

4. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tibqa' tghix fid-dar matrimonjali 73-75 Triq it-Torri, Mosta MST3503, u dan bl-eskluzjoni tal-intimat li ghandu jigi ordnat sabiex jivvaka l-istess fond, u kwindi li din l-istess dar ma tibqax titqies bhala d-dar matrimonjali tal-kontendenti konjugi izda titqies biss bhala r-residenza esklussiva tar-rikorrenti.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

6. Tillikwida *occorrendo* bl-opra ta' periti nominandi l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u taqsam l-istess assi jew l-ekwivalenti fil-valur taghhom fi flus, f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet.

7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-opportun att ta' divizjoni u assenjazzjoni u tinnomina kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

8. Tordna l-bejgħ in licitazzjoni ta' l-assi immobbli f'każ li jirriżulta li dawn ma jistgħux jigu komodament diviżi.

9. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-proprjeta' kollha tagħha parafernali jew il-valur tagħha; u

10. Tapplika fil-konfront tal-intimat id-dispozizzjonijiet tal-Art. 48 *et seq* tal-Kodici Civili (Kap. 16); u

11. Tawtorizza lir-rikorrenti tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.**

**Rat ir- Risposta guramentata tal-intimat GP** fejn eccepixxa illi:-

1. Illi l-esponent jikkonferma l-korrettezza tal-kontenut tal-premessi numru wiehed (1) u tnejn (2) tar-Rikors guramentat promotur intavolat mir-rikorrenti.

2. Illi l-kontenut tal-premessa numru tlieta (3) tar-Rikors guramentat promotur intavolat mir-rikorrenti hija kategorikament michuda u kkontestata stante illi z-zwieg tal-kontendenti tfarrak irrimedjabilment

minhabba ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u fir-rikonvenzjoni.

3. Illi fir-rigward ta' dak imtenni fil-premessa numru hamsa (5) tar-Rikors guramentat promotur intavolat mir-rikorrenti, l-esponent itenni li fir-rigward tieghu bhala zewgha, ir-rikorrenti certament illi naqset milli "taqdi d-dmirijiet taghha bhala mara tad-dar" tant illi ilha ma ssajjarlu (ghajr ghal xi sandwich okkazjonali) ghal dwar l-ahhar sbatax-il sena all'incirca, izjed u izjed mindu l-esponent gie dijanjozat illi jbati bid-dijabete u nuqqasijiet ohra anke f'dak li jirrigwarda hasil ta' hwejjeg u moghdija li se jigu spjegati ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, filwaqt li l-esponent dejjem u invarjabilment dejjem hadem u stinka u pprovda ghall-bzonnijiet tal-familja inkluz it-tliet ulied illi l- llum huma lkoll maggorenni. Oltre dan, ghaliex tali dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti hija intiza biex isservi bhala bazi ghal talba ta' hlas ta' manteniment, l-esponent jirrileva wkoll illi r-rikorrenti ghamlet zmien tahdem fuq bazi full-time ma' huha MC , f'liema perjodu ma kienx jimporta ghaliha (din kienet decizjoni mehuda minnha unikament u minghajr ebda konsultazzjoni mal-esponent) li ma tibqax izjed "mara tad-dar" kif issa qed tipprova tipprezenta lilha nnifisha sabiex tikseb il-hlas ta' manteniment minghand l-esponent.

4. Illi, fir-rigward tat-talbiet dedotti mir-rikorrenti fir-Rikors guramentat promotur, l-esponent jeccepixxi dan li gej:-

(i) fir-rigward tat-talba numru (1), ma jopponix ghal dik il-parti tat-talba li permezz taghha din l-Onorabbli Qorti qed tintalab tiddikjara illi l-hajja konjugali tkissret irrimedjabilment izda jopponi bis-shih

ghal dik il-parti tat-talba fejn qed jigi mitlub li jigi pronunzjat li dan sehh minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-esponent, u dan ghaliex fir-realta' z-zwieg, tkisser irrimedjabilment minhabba ragunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

ii) ma jopponix ghat-tieni talba.

(ii) jopponi bis-shih ghat-tielet talba stante li, fost konsiderazzjonijiet ohrajn, il-kontendenti huma precizament tal-istess eta', ir-rikorrenti ghandha l-kapacita' li tahdem daqs u anke izjed mill-esponent illi huwa afflitt minn bosta kundizzjonijiet medici u debilitazzjonijiet, u m'hemm ebda raguni ghaliex l-esponent, unikament ghaliex huwa ragel, ghandu jhallas retta alimentari lir-rikorrenti, unikament ghaliex hija mara, meta l-principju illi r-ragel u l-mara huma ugwali u ghandhom l-istess drittijiet huwa wiehed altru milli rassodat fit-tessut socjali ta' pajjizna. Oltre dan jigi sottolineat illi ulied il-kontendenti huma lkoll maggorenni u ghandhom il-hajja indipendenti taghhom u r-rikorrenti m'ghandha assolutament ebda impenji li b'xi mod jistghu jtellfuha milli jkollha impjieg tmantni lilha nnifisha, anzi bil-kuntatti u *network* familjari li ghandha, l-opportunitajiet ta' impjieg, kieku kellha tirrikorri ghalihom, certament li jkunu ampji.

(iv) jopponi bis-shih ghar-raba' talba stante illi ma tezisti assolutament ebda raguni kwalsiasi ghaliex l-esponent ghandu jigi allontanat mid-dar matrimonjali illi hija l-frott ta' ghexieren ta' snin ta' hidma min-naha tieghu u li tikkostitwixxi l-izjed *asset* ta' valur formanti parti l-kommunjoni tal-akkwist u l-fatt biss li, minghajr

misthija ta' xejn, ir-rikorrenti kellha l-wicc li taghmel din it-talba juru fih innifsu s-*sense of entitlement* bla qies illi ghandha r-rikorrenti li dejjem ghexet bl-idea illi l-unika raguni ghall-ezistenza ta' terzi hija biex ipogguha fuq pedestall. L-esponent jiddikjara illi huwa ilu ghexieren ta' snin jghix fl-imsemmi fond bhala r-residenza ordinarja tieghu, qatt ma telaq mill-imsemmi fond lanqas waqt dan il-perjodu fejn il-kontendenti ilhom separati 'in casa' u ma jkollhomx relazzjonijiet intimi ma' xulxin ghal dawn l-ahhar mill-inqas hmistax-il sena u matul dan il-perjodu dejjem ha hsieb wahdu l-bzonnijiet tieghu ghal dak li jirrigwarda tisjir (ormai kien imdorri), tindif u hasil u moghdija tal-hwejjeg personali tieghu. Il-kontendenti kienu fi stadju avvanzat hafna li jikkonkludu separazzjoni konsenswali qabel ma r-rikorrenti ddecidiet illi tibdel il-konsulent legali taghha u l-imsemmi fond 73-75, Triq it-Torri, Mosta kien anke tpogga ghall-bejgh, sabiex jinbiegh lil terzi u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom, kif ghandu jkun.

(v) ma jopponix ghall-hames, is-sitt u s-seba' talba.

(vi) ma jopponi ghat-tmien talba ghalkemm huwa ferm izjed deziderabbli u fl-interess tal-kontendenti illi l-bejgh tal-immobbli ma jsirx permezz ta' proceduri ta' licitazzjoni izda mill-kontendenti nnifishom sabiex jigi ottenut l-ahjar prezz possibbli fl-interess taz-zewg kontendenti.

(vii) fir-rigward tad-disa' talba l-esponent itenni illi m'ghandu fil-pussess tieghu ebda hwejjeg personali u/jew parafernali appartenenti lir-rikorrenti filwaqt li jiddikjara illi fid-dar matrimonjali fejn jirrisjedu z-zewg kontendenti hemm oggetti personali u parafernali appartenenti kemm lir-rikorrenti u kif ukoll lill-esponent u ghalhekk kull parti ghandha eventwalment tiehu dawk l-oggetti personali u/jew parafernali appartenenti lilu / lilha.

(viii) jopponi bis-shih ghall-ghaxar talba peress li m'hemm ebda raguni ghaliex ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 *et seq* tal-Kodici civili; u

(ix) ma jopponix ghall-hdax-il talba maghmula mir-rikorrenti fir-Rikors guramentat promotur minnha intavolat.

5. Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti, sa fejn huma opposti mill-esponent, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez filwaqt li ghandhom jigu akkolti biss dawk it-talbiet li mhumiex opposti mill-esponent, u f'kull kaz l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri ghandhom jigu akkollati fl-intier taghhom lir-rikorrenti.

6. Illi l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu minn dawn il-proceduri istitwiti mir-rikorrenti sabiex iressaq 'il quddiem it-talbiet rikonvenzjonali tieghu.

**Rat il-KONTRO TALBA tal-intimat rikonvenzjonant** GP fejn ippremetta illi:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-4 ta' Jannar, 1986 u minn dan iz-zwieg kellhom tliet ulied illi huma lkoll maggorenni.

2. Illi z-zwieg tal-kontendi tkisser irrimedjabilment minhabba htijiet li huma imputabbli unikament lir-rikorrenti rikonvenzjonata.

3. Illi z-zwieg  tal-kontendenti illhom snin twal mhux wiehed felici u t-tkissir taz-zwieg, li fil-fatt ilu li sehh izda llum qieghed jimmanifesta ruhu fl-apert, kien b'rizultat ta' numru ta' fatturi fosthom illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ma kinitx turi ebda affett lejn l-esponent u lanqas ma kienet tiehu hsieb il-htigijiet tieghu f'dak li jirrigwarda l-hajja ta' kuljum (tant li ilha ma ssajjarlu, ghajr okkazzjonalment meta jkun hemm xi hadd mistieden id-dar, ghal dawn l-ahhar sbatax-il sena) izda principalment minhabba fi tliet episodji determinanti li sehhew matul dan iz-zwieg, minn liema l-esponent sejjer jirrileva tnejn biss f'dan l-istadju filwaqt li l-iehor, peress li jikkoncerna lil xi hadd mill-ulied, jixtieq li jtennih izjed 'il quddiem permezz ta' affidavit li preferibilment jinzamm fis-sigrieta ghaliex bl-ebda mod ma jrid illi jkun hemm ghad-disposizzjoni tal-pubbliku ebda atti jew dokumenti li jirrigwardaw lill-ulied. Dawn iz-zewg  episodji kienu s-segwenti:-

(a) darba minnhom meta l-esponent mar id-dar f'hin li mhux solitament imur fih u sab lir-rikorrenti rikonvenzjonata qed tiehu *drink* ma' ragel fid-dar u meta tfacca l-esponent ghall-gharrieda wriet li kienet qed thossha imbarazzata.

(b) episodju iehor kien meta hu r-rikorrenti rikonvenzjonata kien hedded lill-esponent li ried joqtlu.

Dawn l-episodji kellhom effett devastanti fuq iz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk l-allegazzjoni maghmula illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba ragunijiet imputabbli lill-esponent hija ghal kollox bla bazi, anzi proprju l-oppost.

4. Illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ilha ghal snin twal (izjed minn hmistax-il sena) ma twettaq ebda obbligi li hija ghandha fil-konfront tal-intimat rikonvenzjonant naxxenti miz-zwieg, inkluz l-obbligu tal-assistenza, tant li ilha ghal dawn is-snin kollha ma ssajjarlux, ma tahsibx ghall-ikel tieghu, ma tahsillux u ma tghaddilux hwejjgu, ma tersaqx lejh, ma takkumpanjahx ghal visiti medici tieghu lanqas meta jkun se jaghmel xi operazzjoni u, b'mod generali, tagixxi lejh daqs li kieku ma kienx zewgha u ghalhekk huwa bil-wisq car u manifest li hija ddekadiet minn kwalsiasi dritt li talvolta seta' qatt kellha li titolbu l-hlas ta' manteniment.

5. Illi l-esponent dejjem hadem u stinka kemm felah ghall-familja tieghu u kien hu li pprovda ghat-trobbija u l-avvanz tat-tliet ulied u dak kollu li llum ghandhom il-kontendenti fil-kommunjoni tal-akkwisti gie akkwistat bis-sahha tal-hidma tal-esponent, pero' ghandu jinghad ukoll li, meta kien fl-interess taghha u ta' huha, ir-rikorrenti rikonvenzjonata ma ddejqet xejn tohrog tahdem u wisq iktar m'hemm assolutament xejn xi jzommha milli taghmel dan fil-prezent meta l-ulied huma kollha maggorenni u ghandhom il-hajja indipendenti taghhom u ghalhekk ghandha l-hin kollu tad-dinja ghad-disposizzjoni taghha biex tahdem u taqla' ghixien ghaliha minflok titolbu minghand l-esponent. Oltre dan ir-rikorrenti rikonvenzjonata tinsab f'kundizzjoni tajba ta' sahha u ma tbatix mill-varji debilitajiet u kundizzjonijiet medici li jbati minnhom l-esponent u li, minhabba fihom, qed issir dejjem izjed difficli ghalih illi jkompli jahdem.

6. Illi r-regim matrimonjali tal-partijiet huwa dak tal-kommunjoni tal-akkwisti. Din tikkonsisti pricipalment fis-segwenti:-

(i) id-dar matrimonjali li bla dubju hija l-asset illi ghandu l-ikbar valur.

(ii) il-kumpanija MS-Three Services Limited li biha l-esponent jaghmel ix-xoghol tieghu li hija proprjetarja ta' appartament f'Forrest Street, San Giljan u ta' depoziti bankarji.

7. Illi r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet ghal snin twal direttur ta' din il-kumpanija MS-Three Services Limited (ghalkemm qatt ma tat ebda kontribut t' xoghol) u ghal snin twal gew imhallsa l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali relattivi ghar-rikorrenti rikonvenzjonata bl-iskop illi meta tilhaq l-eta' pensjonabbli tkun tista' tippercepixxi pensjoni.

8. Illi din is-separazzjoni konsenswali ma gietx konkluza bonarjament, kif messha giet konkluza anke in vista tal-eta' tal-kontendenti, ghar-raguni unika illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ppruvat tiehu ferm u ferm izjed minn dak li kien lilha spettanti filwaqt li l-esponent kien dispost, u ghadu dispost sal-lum, illi jaqsam kollox nofs bin-nofs.

Tghid ghalhekk ir-rikorrenti rikonvenzjonata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :-

(i) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonata.

(ii) Tapplika kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48 u/jew 51 u/jew 53 u/jew 54 tal-Kodici Civili.

(iii) Tiddikjara, a tenur tal-artikolu 52 tal-Kodici Civili, illi s-sanzjonijiet u l-effetti kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili ghandhom japplikaw *in toto* fil-konfront biss tar-rikorrenti rikonvenzjonata izda mhux tal-intimat rikonvenzjonant.

(iv) Tiddikjara illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ddekadiet minn kwalsiasi dritt li talvolta seta' qatt kellha li titlob il-ħlas ta' manteniment minghand l-intimat rikonvenzjonant.

(v) Tiddikjara illi l-fond bin-numru ufficjali 73 – 75, Triq it-Torri, Mosta m'ghandux jitqies izjed bhala d-dar matrimonjali tal-kontendenti.

(vi) Tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti minn l-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-intimat rikonvenzjonant u l-ohra lir-rikorrenti rikonvenzjonata.

(vii) Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

(viii) Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonata sabiex tikkonsenja lill-intimat rikonvenzjonant il-beni dotali, personali u parafernali kollha tieghu.

(ix) Tiddikjara illi r-rikorrenti rikonvenzjonata m'ghandha ebda dritt illi tircievi l-hlas ta' manteniment minghand l-intimat rikonvenzjonant; u

(x) Tawtorizza lill-intimat rikonvenzjonant sabiex jirregistra s-sentenza li se tinghata fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

**Rat ir- Risposta Guramentata tar-rikorrenti rikonvenzjonata** R sive R A P ghall-kontro talba tal-intimat rikonvenzjonant George Papagiorcopulo, fejn eccepiet:-

1. Illi kontrarjament ghal dak li jallega l-intimat rikonvenzjonant, iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment, unikament minhabba htijiet imputabbli lill-istess intimat rikonvenzjonant, u dan ghar-ragunijiet indikati fir-rikors guramentat tar-rikorrenti rikonvenzjonata kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi kuntrarjament ghal dak li qed jipprova jinsinwa l-intimat rikonvenzjonant, huwa l-istess intimat rikonvenzjonant illi dahal f' relazzjonijiet ma' terzi persuni tas-sess oppost u r-rikorrenti rikonvenzjonata zgur illi ma tahti xejn ghal xi theddid illi seta' gie indirizzat fil-konfront tal-intimat rikonvenzjonant minn terzi persuni.

3. Illi l-fatti esposti mill-intimat rikonvenzjonant sew fit-tielet kif ukoll partikolarment fir-raba' paragrafi tal-kontro-talba tieghu huma kollha michuda u jirrizulta car illi l-istess intimat rikonvenzjonant qieghed jivvinta stejjer shah bil-ghan illi jipprova jehles ruhu mill-obbligu li jmantni lill-martu.

4. Illi huwa car ukoll illi l-fatti esposti mill-intimat rikonvenzjonant fil-paragrafu sussegwenti tal-kontro talba tieghu, u cioe' paragrafu hamsa (5), huma ukoll intizi sabiex l-istess intimat rikonvenzjonant jipprova jahrab

mill-obbligi tieghi li jmanti lill-martu; illi ma huwiex kontestat illi intimat rikonvenzjonant, bhala ragel tal-familja, ikkontribwixxa lejn l-istess familja tieghu bil-hidma tieghu fil-qasam tax-xoghol, izda l-istess intimat rikonvenzjonant jidher illi xejn ma japprezza l-kontribut illi ghamlet ir-rikorrenti rikonvenzjonata daparti taghha fit-trobbija tat-tlett ulied u fiz-zamma tad-dar matrimonjali. Ma hu veru xejn illi r-rikorrenti rikonvenzjonata b' xi mod abbandunat d-doveri taghha, u donnu li l-intimat rikonvenzjonant nesa ukoll illi fi zmien meta huwa waqaf jahdem biex jkun jista jsegwi studji ulterjuri tul perjodu ta' xi zmien konsiderevoli f' Londra, kienet bis-sahha tal-hidma tal-istess rikorrenti rikonvenzjonata illi huwa seta' jaghmel dan u bis-sahha ta' din il-hidma il-partijiet irnexxielhom jiehdu self u jakkwistaw propjeta' taghhom stess gewwa Londra. Illi intimat rikonvenzjonant jonqos milli jsemmi illi fi zmien meta ir-rikorrenti rikonvenzjonata marret tahdem ma huha r-radjologista Dottor MC, dan kien biss fuq bazi part time u wara insistenza daparti tal-istess intimat rikonvenzjonant malli induna illi r-rikorrenti rikonvenzjonata fl-ahhar sabet illi kellha ftit tal-hin ghad-disposizzjoni personali taghha meta tfal kienu kibru. Donnu pero' illi ghal ragunijiet illi jaf ahjar hu, intimat rikonvenzjonant ma tantx daqqittlu illi r-rikorrenti rikonvenjzonata sabet impjieg adekwat ghalija ma' huha stess. Jigi iccarat ukoll illi radjologista Dottor M C ma huwiex hu r-rikorrenti rikonvenzjonata illi kien apparentament hedded lill-intimat rikonvenzjonant.

5. Illi kien l-intimat rikonvenzjonant illi qieghed lir-rikorrenti rikonvenzjonata bhala direttur tas-socjeta' MS Three Services Limited, u kien l-istess l-intimat rikonvenzjonant illi meta deherlu nehhieha minn dina l-kariga. Dana kollu seta' jaghmlu billi fil-fatt l- intimat rikonvenzjonant huwa l-uniku azzjonista fl-istess soċjetà', u ghalkemm huwa veru illi dawn l-ishma jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, il-fatt hu illi l-intimat

rikonvenzjonant agixxa b' mod li jizgura li jkollu kontroll shih assolut fuq l-istess socjeta' fejn ir-rikorrenti rikonvenzjonata ma tgawdi l-ebda drittijiet ta' xejn tant illi ricentement kellha tiehu hsieb sabiex tikkawtela l-interessi taghha billi tinibixxi l-intimat rikonvenzjonant milli jittrasferrixi l-ishma kif ukoll sabiex tinibixxi lill-istess socjeta' milli tittrasferixxi l-propjeta' taghha. Illi jekk gew imhallsa xi kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali relattivi ghar-rikorrenti rikonvenzjonata, dan sar biss ricentement tant illi f' rendikont illi r-rikorrenti rikonvenzjonata talbet li tircievi minghand id-dipartiment tas-Servizzi Socjali s-sena li ghaddiet, dawn il-pagamenti ma jidhrux u ghad irid jigi stabilit jekk fil-fatt ir-rikorrenti rikonvenzjonata tikkwalifikax ghal xi forma ta' pensjoni.

6. Illi s-separazzjoni konsenswali ma kienetx giet konkluza bonarjament unikament minhabba l-fatt illi l-intimat rikonvenzjonant ma riedx jaccetta bl-ebda mod illi tittiehed in konsiderazzjoni il-manteniment dovut lir-rikorrenti rikonvenzjonata, kif irrifjuta ukoll kategorikament ukoll milli tittiehed in konsiderazzjoni il-goodwill tas-socjeta' MS Three Services Limited illi permezz taghha l-intimat rikonvenzjonant ghadu ferm attiv fix-xoghol sal-gurnata tallum, mentri r-rikorrenti rikonvenzjonata kienet ipproponiet b' mod tassew ragjonevoli illi filwaqt illi d-dar matrimonjali tinbiegh u rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, l-appartament jigi trasferit lir-rikorrenti rikonvenzjonata filwaqt illi l-intimat rikonvenzjonant jibqa' jzomm l-ishma u l-avvjament kollu tal-istess u fl-istess hin jinheles minn kwalunkwe obbligu ta' manteniment lejn martu. L-intimat rikonvenzjonant pero' irrid jaghmel minn kollox biex jiskappricca lir-rikorrenti rikonvenzjonata.

7. Illi ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti filwaqt illi ghandha tilqa' l-ewwel talba tal-intimat rikonvenzjonant ghalkemm minhabba ragunijiet

imputtabbli unikament lill-istess intimat rikonvenzjonant u filwaqt illi ghandha tilqa' ukoll is-sitt talba tal-intimat rikonvenzjonant, ghalkemm il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ma ghandhiex necessarjament tkun f'porzjonijiet indaqs sabiex b'hekk id-dritt tar-rikorrenti rikonvenzjonata ghall-manteniment jkun jista' jigi rispettat permezz tal-likwidazzjoni ta' ammont kapitali, kif ukoll semmai ghandha tilqa' s-sebgha u l-ghaxar talbiet tal-istess intimat rikonvenzjonant, ghandha pero' tichad it-talbiet kollha rimanenti tal-istess l-intimat rikonvenzjonant, bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ukoll ir-rapport tal-Perit Mr. William Spiteri Bailey.[1]

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

**FATTI**

Il-Qorti tirrileva illi l-partijiet waslu ghall-ftehim rigward diversi assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u dan jirrigwarda s-segwenti:-

(i) id-dar matrimonjali 73-75 Triq it-Torri, Mosta[2]

(ii) il-mobbli li jinstabu fid-dar matrimonjali 73-75 Triq it-Torri, Mosta[3]

---

[1] A fol. 246

[2] Ara nota konguntiva tal-partijiet a fol. 211 u rikors u digriet a fol. 234 – 235

[3] Ara nota konguntiva tal-partijiet a fol. 211

Ghaldaqstant, ai finijiet ta' dina l-kawza, dina l-Qorti mhix ser tiehu in konsiderazzjoni provi rigwardanti dawn l-assi.

1. L-attrici tispjega li kienu bdew johorgu flimkien f'April, 1983 u zzewwgu f'L ulju, 1985. Dak iz-zmien tal-gherusija kellha impjieg *full-time*, izda kienet flessibbli u meta l-konvenut kien induna b'dan kien issuggerilha sabiex tfittex impjieg *part-time* u hekk ghamlet.

   Tispjega li tul dan iz-zmien il-konvenut kien jahdem *full-time* bhala inginier u kellu paga tajba, izda ddecieda li ried jaghmel Masters degree gewwa l-Universita' ta' Cranfield, l-Inghilterra, fil-qasam ta' Computer Aided Design in Manufacture. Minn hawn kien thajjar ikompli ghal Ph.D fl-inginerija u fil-fatt rebah scholarship ghal Queen Mary College fl-Universita' ta' Londra u kien mistenni li ha jdum xi tlett snin jaghmel dan il-kors.

   Izzid tghid li l-konvenut ma kienx kuntent li l-attrici tibqa' hawn Malta peress li kien ser idum l-Universita'. Kien ghalhekk li ddecidew li jitgharrsu f'Lulju, 1985 u zzewwgu f'Jannar, 1986 u l-pjan kien li ma jmorrux *honeymoon,* izda jitilghu jghixu l-Inghilterra sabiex il-konvenut ikompli jistudja. Peress li l-konvenut kien qed jistudja *full-time*, il-pjan kien li hi ssib impjieg sabiex setghu jiffinanzjaw l-ghixjien taghhom gewwa Londra.

   Fil-fatt ftit wara kienet sabet impjieg fis-"sales" ma' kumpanija jisimha Regal Chemicals u tghid li l-konvenut kien insista maghha li ssib dan it-tip ta' impjieg sabiex ikollhom vettura ghad-disposizzjoni taghha, peress li kien biegh il-vettura li kellu. Pero' l-attrici tistqarr li ma kinitx thossha komda ssuq dina l-vettura gewwa l-Inghilterra u kontra x-xewqa tal-

konvenut kienet iddecidiet li tfittex impjieg iehor u kienet spiccat marret tahdem f'ufficcju ma' Poster Media gewwa Oxford Street u tammetti li kienet kuntenta hafna.

Ghal darb'ohra, il-konvenut kien konvint li l-attrici setghet taqla' izjed flus u ssib impjieg ahjar jekk kienet taghmel kors fl-*audio typing*. Fil-fatt semghat minnu u hekk ghamlet u wara li spiccat il-kors kienet sabet impjieg mal-KPMG, Londra. L-attrici tammetti li ghalkemm kellha paga tajba ma kinitx kuntenta b'dan l-impjieg, izda baqghet tittollerah sakemm gew lura Malta.

Fiz-zmien li kienu jghix l-Inghilterra, wara li kienu krew diversi appartamenti, kienu ddecidew li jixtru *one-bedroom apartment* u kienu rnexxielhom jiehdu self minhabba li l-attrici kienet tahdem *full-time*. Meta wasal iz-zmien li jigu lura Malta, kienu ddecidew li jikru l-appartament sabiex b'hekk setghu jkomplu jhallsu s-self.

Tkompli tistqarr li wara xi snin iddecidew li jbieghu dan l-appartament u bl-istess flus kienu xtraw l-appartament Malta u zewg garaxxijiet San Giljan u dan kien fis-sena 2005. L-attrici tispjega li peress li kienet tafda lill-konvenut kienet accettat li l-post jinxtara fuq is-socjeta' li kellhom, MS -Three Services Ltd. Fejn il-konvenut kien l-uniku azzjonist u dak iz-zmien ma kinitx konsapevoli ta' x'setghat kellu peress li kienet ukoll direttrici. L-istess kien gara meta omm l-attrici kienet iddecidiet li taghti lilha u lil hutu Lm5,000 u dan wara l-mewt ta'  missierha. Iddecidiet li tuzahom sabiex tixtri karozza, li tant kellha bzonn u ghal darb'ohra qaghdet fuq il-parir tal-konvenut akkwistat karozza fuq bazi ta' *leasing* fuq isem il-kumpanija.

L-attrici tghid li kienet mghommija bil-konvenut u ghalkemm kellu karattru dominanti, paternalistiku kif ukoll manipulattiv, kienet wisq innocenti u naïve sabiex tinduna.

Iz-zmien li damu jghixu l-Inghilterra tispjega li kienu l-ahjar zminijiet taghhom u kienu kuntenti, hlief meta xi kultant kienu jargumentaw minhabba d-dominanza tieghu.

Tispjega li fl-1987, kien inbidel il-Gvern hawn Malta u peress li l-konvenut kien konoxxenza tal-Ministru Dalli kien talabha sabiex tiktiblu ittra fejn taghti informazzjoni dwar il-kwalifiki tieghu bl-intendiment li jsib impjieg tajjeb fl-amministrazzjoni l-gdida. Kien ghalhekk li fil-fatt gie offrut impjieg tajjeb hawn Malta u ghall-habta ta' April, 1998 iddecidew li jirritornaw lura Malta, bir-rizultat li l-konvenut lanqas spicca l-Ph.D tieghu wara li ghamlu hafna sagrificcji.

Pero' tispjega li kienet kuntenti li rritornaw lura Malta ghax kien ikollha granet fejn kienet tkun *homesick.*

Ghall-bidu meta rritornaw Malta kienu krew post u kellha pjanijiet sabiex terga' tibda tahdem, izda kienet harget tqila. Sadanittant il-konvenut kien ipprova jkompli jirrapprezenta l-kumpanija Sterling Publications, izda ma kienx irnexxielu ghal hafna zmien. Imbaghad kien inghata posizzjoni gholja mal-Gvern fejn gie mitlub jistabilixxi l-Mimcol u kien inhatar bhala Managing Director u kien hadem hawn ghal sentejn.

Fl-1991, il-konvenut gie offrut il-posizzjoni ta' Managing Director tal-Malta International Airport. Il-konvenut accetta dina l-posizzjoni u hadem hafna u ddedika hafna hin. Dan l-impjieg gab mieghu paga tajba u kellu

hafna beneficcji bhal karozza, health insurance ghall-familja kollha u xi hlasijiet ta' xi kontijiet u kellu l-possibilita' li jsiefer hafna fuq xogholu.

Minhabba dan it-tibdil, il-partijiet kienu f'posizzjoni finanzjarja sabiex jixtru l-ewwel post taghhom il-Mosta u dan kien fl-1993. Fl-1995, imbaghad kienet sabet il-bejgh ta' din id-dar wara li kienet sabet dar ikbar u ghogbitha.

Peress li dina d-dar kellha bzonn hafna xogholijiet kienu ghamlu zmien ighixu go post li kien jappartjeni lil missier il-konvenut u ssemmi li kien hawn li gara incident fejn il-konvenut kien refa' idejh fuqha.

L-attrici tispjega li l-konvenut kien dam hames snin jahdem mal-Malta International Airport u tul dan iz-zmien tant kien impenjat li kien kuntent bl-arrangjament li hu jkun il-*main breadwinner*, filwaqt li l-attrici tiehu hsieb it-trobbija tat-tfal.

Wara hames snin, il-konvenut iddecieda li jitlaq mill-Malta International Airport u tghid li ghadha sa llum ma tafx x'kienet ir-raguni, Tispjega li l-konvenut kien iddecieda li jwaqqaf is-socjeta' tieghu MS- Three Services Ltd u kien beda bl-operazzjonijiet ta' dina l-kumpanija.

Issemmi li l-ikbar intrapriza kienet meta flimkien ma' J F ta' Network Publications iddecidew li jippubblikaw gazzetta jisimha "The People" u ghal dan il-ghan kienu ffurmaw kumpanija ohra biex isservi bhala *joint venture company*. Tkompli tispjega li kienu nvestew hafna flus f'dan il-progett, impjegaw diversi nies u kienu krew mahzen ghal dan il-ghan.

Kienet marret il-Bank ukoll sabiex tiffirma l-garanzija personali peress li kienu ser jinghataw facilitajiet bankarji . Minhabba f'hekk tghid li kellhom jippotekaw id-dar matrimonjali peress li dan kien l-uniku ass li kellhom hawn Malta.

Il-konvenut kien anke beda jahdem ma' dina s-socjeta' f'kapacita' manigerjali, izda gara li l-progett intenzjonat ma rnexxiex u spiccaw b'dejn personali ta' Lm20, 000 u spiccaw li kellhom ihallsu dan l-ammont lill-Bank u dan bdew jaghmluh kull xahar, Tispjega li kien hemm ammont iehor ikbar li beda jithallas mis-socjeta' Network Publications u dan anke peress li l-konvenut kien impjega ruhu mal-istess socjeta'. Izda meta waqaf jahdem maghha, il-konvenut rrifjuta li jhallas id-dejn li kien fadal ghax kien konvint li dan id-dejn kellu jithallas mill-istess kumpanija. Gara li l-imghaxijiet bdew telghin u fl-ahhar tas-sena 2018 id-dejn kien thallas minnhom personalment u dan kien jammonta ghal €235, 000 u dan sabiex jirrilaxxjaw id-dar matrimonjali.

L-attrici tishaq li dan kien perjodu hazin f'hajjitha, tant li kienu anke gew il-Marixalli mill-Qorti biex jiehdu xi mobbli, izda bl-intervent tal-konvenut ma ttiehed xejn.

Wara li l-konvenut kien telaq mis-socjeta' Network Publications kien beda jopera tramite s-socjeta' MS- Three Services li kien waqqaf. Kien f'dan iz-zmien meta l-konvenut kien ghalaq 40 sena li hariglu d-dijabete u ghalkemm kien hemm zmien li kellu jiehu l-medicina u mbaghad l-insulina, kien iddecieda li jaghmel ta' rasu u kien waqqaf kollox u spicca li kellu xi komplikazzjonijiet li wasslu sabiex ihallsu diversi spejjes bhal ma kien fil-kaz ta' ghajnejh fejn kull injezzjoni li kellu jiehu kien jammonta ghal €1,300 peress li ghazlu li dan jehodhom privatament. Ma kinitx

tilmenta dwar dawn l-ispejjes peress li kienu jikkoncernaw sahhet il-konvenut.

Kellu ukoll problemi meta haraq saqajh u l-attrici tametti li ghalkemm dak iz-zmien ir-relazzjoni taghhom ma tantx kienet tajba ghaliex kienu bierdu minn xulxin, ugwalment kienet taqdi d-doveri taghha billi tiehu hsieb lill-konvenut u tiehdu l-isptar ghall-appuntamenti. Dan kuntrarjament ghalih ghax meta kellu bzonn taghmel operazzjoni u kienet ser taghmilha privatament, l-istess konvenut kien tkellem mal-kirurgu taghha u nfurmah li ma kinitx ser taghmel dina l-operazzjoni u dan minghajr ma kkonsulta maghha. Per konsegwenza ta’ dan l-incident, binthom C, li kienet saret tabiba sa dak iz-zmien haditha kontra l-konvenut u minn dakinhar ma baqghetx tkellmu izjed.

L-attrici tikkonferma ukoll li r-relazzjoni bejn il-konvenut u uliedhom l-ohra J u S ma kinux tajbin lanqas.

L-attrici xehdet ukoll dwar diversi suspetti li kellha fuq adulterju kommess mill-konvenut u dawn imorru lura ghas-snin 1995 fejn kellha suspetti li kien f’relazzjoni ma’ wahda mill-impjegati fiz-zmien li kien jahdem mal-Malta International Airport. L-attrici rreferiet ghal diversi korrispondenzi li sabet bejn il-konvenut u nisa ohra.[4] Kienet bint il-partijiet C , li kienet sabet korrispondenza bejn il-konvenut u certu E S li kien sar jaf meta giet Malta ssegwi l-korsijiet li kien qed joffri fil-qasam tal-management.

[4] Vide Dokumenti RP1 – RP 5

Ghalkemm l-attrici tametti li kienet marret tiehu parir minghand l-avukat kienet iddecidiet li ma tghid xejn lill-konvenut u tipprova zzomm il-familja maghquda.

L-attrici ssemmi ukoll diversi incidenti ohra li jirriflettu d-disrispett li kellu l-konvenut fil-konfront tal-familja taghha, lejha u anke uliedhom. Dan kien rifless meta kien jirrifjuta li jmur maghhom villeggjatura mal-familja taghha u meta kien ser jostakola adozzjoni ta' kelb.

Kien hemm incidenti ohra li wassluha sabiex tmexxi bis-separazzjoni, in partikolari wiehed mill-ahhar incidenti li sehhew f'Settembru, 2019. Ghalkemm kienu ghaddejjin bil-proceduri ta' medjazzjoni, kienet indunat li l-konvenut kien qieghed fuq it-telefon ma' mara ohra u spiccaw argumentaw sew u spiccat raqdet ghand ommha bit-tfal peress li l-konvenut kien qed iheddidha. Incident iehor sehh minhabba li minkejja li l-attrici kienet iddecidiet li tipprocedi bis-separazzjoni kien kontinwament jipprova jdejjaqha gewwa darhom stess billi jcaqlaq l-affarijiet u jahbihom.

**<u>Konsiderazzjonijiet Finanzjarji</u>**

L-attrici tispjega illi l-partijiet kellhom kontijiet kongunti u hi stess kellha l-poter li tigbed mill-istess kont. Hafna drabi l-flus kienu jigu trasferiti mill-kont tas-socjeta' li kien jiggestixxi l-konvenut u cioe' Ms-Three Services ghall-kont kongunt.

L-attrici tishaq li ghalkemm kienet tidher bhala direttrici tas-socjeta' fuq imsemmija, kienet tidher f'isem biss u ma kienet tircievi xejn mill-istess kumpanija. Kien biss f'April 2019 meta l-attrici riedet tiehu parir

minghand l-avukat taghha qabel ma tiffirma l-accounts tal-kumpanija, u billi opponiet qabad u nehha lill-attrici minn direttur.

L-ghada li l-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix ghand ommha, marret ticcekja kemm kien ghad hemm flus fil-kont kongunt u sabet li l-konvenut kien gibed €33,000, tant li spiccat kellha taghmel rapport lill-pulizija u pprezentat diversi mandati l-Qorti. Il-Qorti kienet ordnat li ghandu jhallas nofs il-flus li kien ha lill-attrici.

Izzid tghid li kien gie ordnat ukoll li jhallasha nofs il-kera li kien jircievi l-konvenut mill-appartament ta' San Giljan. Il-konvenut ghamel dan ghal certu zmien, izda mbaghad iddecieda li jibda jnaqqas ammont li kien jirrapprezenta spejjes li kellhom tal-appartament u d-dar matrimonjali.

Imbaghad tistqarr li l-konvenut kien infurmaha li l-inkwilini ma kienux ser jibqghu jikru l-appartament u dan mill-1 ta' Ottubru, 2020 u minn dakinhar kien waqaf ihallsilha l-flus u minflok kien jippretendi li ghandha thallas ghal nofs il-kontijiet tad-dawl u ilma tad-dar matrimonjali u jekk ma kinitx ser thallas sehemha ma kienx ser ikompli jhallas il-kontijiet,

Izzid tghid ukoll li minn Settembru, 2019, il-konvenut kien waqaf ighaddilha manteniment u spiccat li kellha tnaqqar mill-flus li kellha mgemmghin sabiex thallas ghall-bzonnijiet personali taghha. Kien anke kecca t-tifla mid-dar.

L-attrici ssemmi li fiz-zmien li kienet tahdem part-time ma' huha MC , kienet issuggerit lill-konvenut li ghandhom jifthu kont bankarju fejn jiddepositaw xi flus sabiex igemmghu ghat-tieg tat-tifla C u kien qabel, izda kien gieghla tiftah il-kont f'isem is-socjeta' MS-Three Services Ltd.

Kienu gemmghu circa €36,000 u kienu sarrfu €30,000 u l-bilanc kien dam juri li kien ghad fadal €6,000, liema ammont kien gibed il-konvenut u l-attrici tikkonferma li ma tafx x'kien ghamel b'dawn il-flus.[5]

L-attrici ssostni li l-konvenut ma kienx jaghtiha soddisfazzjon dwar is-socjeta' u lanqas ma kien jaghtiha rendikont tal-accounts. Kellha access biss ghall-"abridged accounts." Tghid ukoll li kien hemm xi ghaxar snin li l-konvenut kien ilu ma jipprezenta dawn l-accounts, izda mbaghad kien aggorna ruhu wara li hi kienet fethet l-medjazzjoni.

Izid tghid ukoll li minn dawn l-"abdriged accounts" ma jirrizultax id-dhul mill-kiri tal-appartament ta' San Giljan u jirriflettu biss id-dhul mis-servizzi rezi fl-ammont ta' €89,1g89. Ghalhekk ippreparat rendikont tad-dhul li kellha l-kumpanija fiz-zmien bejn Frar 2019 u Frar 2020 fl-ammont totali ta' €157,029.23.[6] Tghid li dan setghet tikkalkolah mill-istatements tal-HSBC.

Dwar l-operazzjonijiet tas-socjeta', l-attrici tishaq li l-konvenut joffri servizzi ta' stharrig (training services).[7] Tikkonferma ukoll li saret taf li l-konvenut tramite s-socjeta' MS-Three Services Ltd inghata kuntratt ghall-provvista ta' training services fil-qasam tal-industrija tal-gaming bil-valur ta' €98,450 u recentement kien iffirma kuntratt iehor ghall-training mal-Malta Financial Services Authority.[8]

Izzid tghid li s-socjeta' m'ghandhiex impjegati u lanqas m'ghandha kera x'tithallas peress li topera mid-dar taghhom. L-unici spejjes huma l-audit

---

[5] Vide dokumenti APS 1 – APS 2
[6] Dok. MS – 1
[7] Doks. MS 2 -MS 5
[8] Doks. MS 6 – MS 7

fees li jammontaw ghal €700 u jirrizulta li l-konvenut qed jippercepixxi directors fees fl-ammont ta' €28,920.

L-attrici pprezentat informazzjoni li akkwistat minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, dwar il-pensjoni taghha li sa tkun tammonta ghal €128 fix-xahar u dan kif jirrizulta minn ittra mahruga mill-istess Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fit- 8 ta' Novembru, 2021.[9]

Tiddikjara li apparti l-pensjoni, m'ghandhiex forma ta' introjtu iehor.

**Proposta ghax-xoljiment u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti**

L-attrici tishaq li l-partijiet kienu ftehmu bejniethom rigward is-segwenti assi:-

i) Id-dar matrimonjali 73-75, Triq it-Torri, Mosta tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.

ii) Iz-zewg karozzi jinzammu minn dik minnhom qed taghmel uzu minnha u cioe' l-konvenut izzomm it-Toyota Aygo numru ta' registrazzjoni ABV 172 u l-attrici zzomm ic-Citroen C3 numru ta' registrazzjoni CRC 444, izda din ghandha tinqaleb fuq isimha peress li ghadha rregistrata fuq isem il-konvenut.

L-attrici tipproponi ukoll li kulhadd izomm il-kontijiet bankarji taghhom u tghid li hi kienet fethet kont ghaliha mal-HSBC u dan minhabba li l-konvenut kellu jghaddilha l-flus li kien hemm fil-joint

[9] Dok. RP 1

account li kien zbanka u wara li ghamlet il-mandati kellu jghaddilha sehemha.

Tipproponi ukoll li l-investimenti mal-Vilhena Funds Sicav PLC. f' isimhom it-tnejn bil-valur ta' €71,750.06 skond l-ahhar valutazzjoni mahruga fis-26 ta' Mejju, 2020 ghandu jigi likwidat u diviz bejniethom.[10]

Dwar il-kontenut tal-mobbli li jinstabu fid-dar matrimonjali disposta li dawn jigu stmati u jinqasmu bejniethom u ma toggezzjonax li l-konvenut jiehu xi oggetti tal-fidda li kienu nghataw lilhom mill-genituri tal-konvenut. Hi tixtieq mera gold guilded.

Issemmi ukoll xi oggetti parafernali li ghandhom jigu assenjati lilha.[11]

L-attrici ghamlet proposti ukoll dwar is-socjeta' MS Three Services Ltd u l-appartament ta' San Giljan izda fil-mori tal-proceduri ntlahaq ftehim bejn il-partijiet kif ser jigi spejgat aktar 'il quddiem.

L-attrici tinsisti li jekk ma tinghatax lump sum payment bhala manteniment, qed titlob lil dina l-Qorti sabiex taghtiha manteniment fl-ammont ta' €1,775 fix-xahar.[12]

2.Il-konvenut jikkonferma li huwa ggradwat fl-inginerija mekkanika u mbaghad kien iddecieda li jkompli l-istudji tieghu u kiseb Masters mill-

[10] Dok. VFS - 1
[11] Vide affidavit attrici a fol 89.
[12] Vide prospett esebit u mmarkat bhala Dok. RP 6

Cranfield Institute of Technology. Jammetti ukoll li hawn Malta kien jokkupa diversi karigi gholjin u kien anke hadem bhala konsulent ma' diversi ministeri. Sabiex ighin lill-familja izjed kien anke waqqaf is-socjeta' MS-Three Services Ltd. Jispjega li meta kienu gew lura jghixu Malta, kien sab impjieg gewwa fabbrika, filwaqt li l-attrici kienet baqghet taghmel l-istess impjieg u peress li kienu ghaddejjin minn zminijiet difficli kien ikkonvinca lill-attrici sabiex issib xoghol alternattiv.

Minhabba li l-kumpanija kienet sejra tajjeb, l-introjtu tieghu zdied u setghu jaffordjaw li jibghatu lit-tlett itfal skola privata.
Jispjega li kien iltaqa' mal-attrici xi tlett snin qabel ma zzewwgu fl-1986. Wara li zzewwgu kienu marru jghixu gewwa apartment, eventwalment xtraw zewgt idjar il-Mosta, fejn wahda minnhom spiccat id-dar matrimonjali taghhom.

Dwar il-problemi fiz-zwieg taghhom, il-konvenut jispjega li ghall-bidu kienu koppja kuntenta bit-tul u nzul taghhom bhal kull koppja normali. L-ewwel daqqa ta' harta kienet meta mar id-dar kumbinazzjoni u sab lill-attrici tiehu drink ma' ragel iehor fl-10.30 am. L-attrici dak iz-zmien ma kinitx tahdem peress li kienet qed trabbi tlett itfal, filwaqt li jghid li hu kien jahdem u jistinka.

Dwar it-trobbija tat-tfal u liema direzzjoni xtaqu jiehdu ghat-tfal kienu jaqblu, izda ma kinux jaqblu in kwantu l-attrici ma kinitx temmen li kien important li jieklu flimkien kuljum bhala familja u di piu' ma tantx kienet taghmel hilitha sabiex issajjar ikel bnin ghat-tfal u dan kien iwassal ghall-argumenti kbar bejniethom ghax il-konvenut kien

jemmen li ladarba l-attrici ma tahdimx kellha bizzejjed hin sabiex issajjar.

Kienu jiggieldu ukoll minhabba li l-attrici kienet riedet tidher bhala habiba tat-tfal u ma tantx kienet taghmel hilitha biex tirreagixxi bhala genitur u minflok kienet tipprova tpoggi lill-konvenut f'dawl ikrah mat-tfal. Dan halla impatt fuq it-tfal bhal meta t-tifla l-kbira kellha relazzjonijiet intimi meta kienet ghada taht l-eta'.

Problema ohra kienet li l-attrici qatt ma riedet tahdem u anke meta kien hemm zmien li ma kienx qed jahdem, l-attrici ma kinitx taghzel li toqghod attenti u kienet taghmel kapricci ciononostante. Imbaghad meta huha kien talabha sabiex tmur tahdem mieghu mill-ewwel marret.

Ghall-kuntrarju tal-attrici dejjem hadem u stinka u mmira sabiex jaghti lill-uliedhom edukazzjoni tajba u fil-fatt illum lahqu u ghandhom impjiegi tajbin hafna.

Izid ighid li rigward flus qatt ma kienx xhih mal-attrici, kellha access ghall-kontijiet bankarji taghhom u lanqas kien jillimita l-manteniment taghha u kien tigbed kemm kellha bzonn ghall-familja.

**<u>Komunjoni tal-akkwisti</u>**

Il-konvenut semma d-diversi assi tal-komunjoni u dawk parafernali li hemm ftehim fuqhom.

Isemmi ukoll is-socjeta' Maltese House Limited li kienet giet imwaqqfa fiz-zwieg u ghalhekk tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Kienet

twaqqfet sabiex id-dar antika li kienu xtraw titbiddel f'attrazzjoni turistika biex it-turisti jesperjenzaw kif kienet tghix familja normali Maltija matul il-gwerra dinjija. Din kienet ser tkun opportunita' ghall-attrici biex ikollha impjieg. Jispjega li ghall-bidu l-attrici kienet entuzjasta, izda mbaghad kienet tilfet l-interess u bdiet taghmillu l-ostakoli. Minhabba f' hekk kellhom ibieghu dina l-proprjeta' u jinsisti li l-attrici ukoll hija responsabbli ghad-dejn tal-istess socjeta'.

**Manteniment**

L-attrici qed titlob manteniment fis-somma ta' €1,500 fix-xahar, izda l-konvenut qed jikkontesta dina t-talba, *in primis* peress li originarjament kienu qed jippruvaw jaslu ghall-ftehim u kienet qed tippretendi €1,000.

Jispjega li waqt il-medjazzjoni kienu ftehmu ukoll li sakemm l-attrici ssib impjieg jaqsmu l-kirja tal-appartament li jappertjeni lis-socjeta' MS-Three Services Limited u dan wara li jnaqqsu l-ispejjez li ghandhom relatati mad-dar matrimonjali, l-appartament u kwalsiasi spejjez ohra li jkun hemm bzonn minn zmien ghal zmien.

Dwar id-directors fees jikkonferma li dawn jammontaw ghal €28,920 u precizament €10,970 huma *directors fees* tal-attrici bhala direttur tal-kumpanija, filwaqt li tieghu jammontaw ghal €17,950 fis-sena jew €1,465 fix-xahar.[13]

Izid ighid li l-attrici qatt ma riedet tahdem, izda mbaghad kienet hadmet ghal xi tlett snin ma' huha. Madanakollu dejjem hallas il-bolol u taxxi li kien hemm bzonn. Kien anke hallas izjed meta l-attrici kienet qed

[13] Dok. B anness mal-affidavit

tahdem minhabba li dan l-introjtu taghha kellu jizdied mad-*directors fee* li kienet tircievi.

Il-konvenut jinsisti li l-attrici ghandha kapacita’ lavorattiva, stante l-fatt li hija licenzjata sabiex tghallem l-Ingliz u setghet tahdem ghar-rasha jew mas-socjeta’ u setghet tkompli tahdem ma’ hutha. It-tfal huma kollha maggorenni u jahdmu.

Dwar il-pensjoni taghha jispjega li l-attrici ma tistax tippretendi iktar pensjoni mill-istima li nghatat mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali u dan meta kieku hadmet kienet tizdied u minkejja li kien joffrilha li anke tmur tahdem mieghu mas-socjeta’ MS-Three Services Ltd, izda kienet issib l-iskuzi kollha sabiex ma tahdimx.

Il-konvenut isemmi li ghandu diversi problemi ta’ sahha, in partikolari huwa diabetic type 1, ibati minn *peripheral neuropathy* f’saqajh, ibati minn nuqqas ta’ vizta f’ghajnejh u anke kien ghamel perjodi b’ depressjoni minhabba dawn il-problemi ta’ sahha.

Minhabba dawn il-problemi kellu jnaqqas hafna mix-xoghol li kien jaghmel qabel ghax mhux dejjem ikun f’sikktu jew jista’ jsegwi l-laqghat.

Jilmenta li minn mindu sar jaf li huwa dijabetiku jghid li ma tantx sab sapport da parti tal-attrici u jekk ghamlet zmien fil-bidu tmur mieghu ghall-vizti, kienet imbaghad waqfet.

Jishaq li xi tmintax-il sena ilu, l-attrici kienet iddecidiet li mhux ser issajjarlu izjed u lanqas tahsillu hwejjgu u dan kien wara li kellhom

laqgha l-Isptar fejn spjegawlhom id-dieta li kellu jsegwi l-konvenut. L-attrici gabitha bit-tqila hafna u maz-zmien waqfet issajjarlu ghal kollox.

Kenneth Swain, ipprezenta l-*full audited accounts* tas-socjeta' mis-sena 2014 sa 2018 u dawn kienu jirrapprezentaw l-ahhar hames snin li kienu lesti.[14]

Ikkonferma li l-kumpanija MS Three Services ma fihix impjegati hlief lill-konvenut li huwa direttur u bhala kumpanija toffri servizzi ta' konsulenza.

Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta informazzjoni dwar il-history tal-kontribuzzjonjiet tas-sigurta' socjali tal-attrici.[15]

Ighid li l-kontribuzzjonijiet bejn 2015 sa 2017 thallsu bhala Class 2. Mill-2019 'l hemm ma hallsitx kontribuzzjonijiet u ghalhekk kellu jahdem *tentative assessment* xi tkun il-pensjoni li kieku thallset is-sigurta' socjali.[16] Minn dak li kkalkola anke jekk kieku hallsithom il-pensjoni kienet ser tibqa' fl-istess range ta' €133 fil-gimgha.

Jispjega illi l-attrici dejjem ghandha c-cans li tirregola ruhha u thallas il-kontribuzzjonijiet minn 2019 sad- data tal-pensjoni.

Dwar il-konvenut jispjega illi ukoll fil-kaz tieghu ghamel *tentative assessment*.[17] Ighid li l-konvenut jista' jirtira meta jaghlaq l-eta' ta' 64

[14] Dok., KS 1
[1515] Dok. ST1
[16] Dok. ST 2
[17] Dok. ST3

minhabba li ma kellux bizzejjed kontribuzzjonijiet.[18] Assumendo li l-kontribuzzjonijiet huma mhallsa sal-eta' tal-pensjoni jibda jircievi l-ammont ta' €133 fil-gimgha ukoll. Jikkonferma ukoll li mill-eta' ta' 59 sal-eta' tal-pensjoni jista' jsir arrangjament mad-Dipartiment biex jithallsu l-arretrati.

Dwar il-kontribuzzjonijiet li ghamlet l-attrici meta kienet tahdem l-Inghilterra, dawn ma ttiehdux in konsiderazzjoni peress li kien hemm bizzejjed li thallsu hawn Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-partjiet waslu ghall-ftehim in kwantu jirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti fis-segwenti mod:-

i) Id-dar matrimonjali 73-75, Triq it-Torri, Mosta fil-mori tal-kawza giet mibjugha lil terzi versu l-prezz ta' €720,000 u l-partijiet hadu s-somma ta' €360,000 kull wiehed.

ii) L-oggetti mobbli kollha li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u li llum jinsabu fil-pussess individwali tal-partijiet ghandhom jappartjenu fi proprjeta' esklussivament ta' dak jew dik il-parti illi jinsabu fil-pussess taghhom.

iii) Is-socjeta' MS Three Services Limited giet assenjata lill-konvenut u ghas-saldu tas-sehem l-attrici assenjalha s-somma ta' €243,673 abbazi tal-valur stabbilit mill-espert komputista William Spiteri Bailey innominat minn dina l-Qorti u dan skond kif miftiehem fil-ftehim esebit fl-atti

[18] Dok. ST 4

iv) Il-kontijiet bankarji gew maqsuma bejniethom, kif ukoll kull parti ser izzomm il-kontijiet bankarji li jinsabu f'isimhom.

v) Il-karozzi li ghad jistghu jinstabu ufficjalment registrati f'isem xi wiehed jew wahda mill-partijiet ghandhom jigu assenjati rispettivament lil dak jew dik il-parti illi f'ismu jew li f'isimha jkunu jinsabu registrati dawk il-karozzi.

**Responsabbilita'**

Tenut kont tal-fatt li l-partijiet waslu ghall-ftehim in kwantu jirrigwarda l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, dina l-Qorti ma thossx li ghandha tevaluwa l-provi u tasal ghal decizjoni rigward ir-responsabbilita' tas-separazzjoni.

**Punti li baqghu in Kontestazzjoni**

Jibqghu in kontestazzjoni zewg punti (a) il-manteniment li qed tippretendi l-attrici kif ukoll (b) it-taxxi dovuti mis-socjeta' Maltese Home Limited.

**Manteniment**

Prezentement l-attrici qed tircievi r-retta alimentarja fis-somma ta' €500 fix-xahar kif kien iddekretat minn dina l-Qorti u ghalkemm saret intitolata ghall-pensjoni sa minn Dicembru, 2023 li jammonta ghal €149.02 fil-gimgha (pensjoni, kif ukoll gholi tal-hajja, u bonus addizjonali) u dan oltre l-bonus ta' kull sitt xhur li jammonta ghal

€135.10[19] issostni li dan mhux bizzejjed sabiex tghijjex lilha nnifisha.

Il-konvenut qed jopponi li jikkontribwixxi iktar manteniment lill-attrici u dan in vista tal-fatt li t-tnejn li huma pensjonanti u llum minkejja li s-socjeta' MS Three Services Ltd giet assenjata lilu m'ghadux jahdem u di piu' ghandu problemi ta' sahha li jimpedulu li jkompli jahdem. Hekk, jiggustifika l-opposizzjoni tieghu ghall-hlas ta' alimenti lill-martu l-attrici.

L-Artikolu 20 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

> ***"(1) Il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih" u***
> ***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghadd biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dhul li jinholoq taht trust."***

Inoltre, dina l-Qorti rriteniet diversi drabi illi "***dan l-obbligu ghall-manteniment mhuwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut."***[20]

Inoltre, l-Artikolu 54(2) (b) jikkontempla hekk :-

[19] Dok. RP 1 a fol. 549
[20] Maria Bugeja pro.et.noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja Cit. Nru. 154/94

*"54 (1) Il-parti li kontra tagħha tinqata l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jingħata skont id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu.*

*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), Il-parti li kontra tagħha tinqatal-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jingħata skont id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu.(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied, inkluż dan li ġej:-.*

*(d) jekk il-ħila tal-parti li jkun dovut lilha l-manteniment illi tagħmel qligħ ta' kull xorta ġietx imnaqqsa għaliex dik il-parti tkun, matul iż-żwieġ, ħadet ħsieb id-dar, il-parti l-oħra u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ."*

Il-konvenut jirrileva li kienet ghazla tal-attrici li ma tohrogx tahdem u kien hemm biss zmien qasir meta marret tahdem ma' huha. Itenni li kellha kull opportunita' li tahdem anke meta kienet qed tkabbar lit-tfal, izda ma kellhiex interess.

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-attrici hadmet anke fiz-zmien li kienu jghixu l-Inghilterra, in partikolari meta l-konvenut kien qed jistudja u ghalhekk kienu jiddependu mill-paga taghha. S'intendi meta bdiet tikber il-familja, f'dak iz-zmien il-konvenut kien stabbli fl-impjieg tieghu u huwa stess jiftahar li kellu introjtu tajjeb u seta' jzomm il-familja sew.

Ma ressaqx provi sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li kien hemm xi polemiki u inkwiet gravi bejniethom ghaliex l-attrici ma kinitx tahdem. Jirrizulta li kien hemm ftehim tacitu bejniethom li l-attrici tiehu hsieb il-familja u dina l-Qorti hija iktar konvinta meta effettivament, il-konvenut jammetti li kienu t-tnejn iffokkati fuq l-edukazzjoni tat-tfal u kellhom direzzjoni ghalihom.

Jekk l-attrici ghazlet li tibqa' mara tad-dar, dan ma jfissirx li ma tatx il-kontribut finanzjarju taghha tul iz-zwieg, ghax jekk it-trobbija mpeditha milli tfittex impjieg, ugwalment iddedikat il-hin taghha tiehu hsieb id-dar u uliedha li essenzjalment huma ta' valur prezzjuz.

Peress li sabiex tasal ghal decizjoni dwar manteniment, dina l-Qorti ghandha ukoll tikkunsidra l-mezzi tal-persuna li minnha qed jintalab il-manteniment. Il-konvenut jinsisti li llum l-uniku introjtu li jircievi huwa l-pensjoni fl-ammont ta' €16 u kiri ta' appartament li gie assenjat lilu f'San Giljan ta' circa €500 fix-xahar.

Dwar is-socjeta' MS Three Services Limited li minnha kien jopera s-servizzi ta' konsulenza fuq diversi snin ighid li llum m'ghadux jiehu directors' fees peress li s-socjeta' m'ghadhiex topera u fil-fatt qiedgha in likwidazzjoni. F'dan ir-rigward, il-konvenut ma ressaqx provi sabiex jikkonvinci dina l-Qorti li hekk sehh. Inoltre, dina l-Qorti hi tal-fehma li indubbjament ma jaghmilx sens li l-konvenut zamm is-socjeta' in kwistjoni f'dik li hi l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni u ftit wara jiddeciedi li jillikwidaha.

L-attrici stess ipproduciet provi sabiex turi li tramite s-socjeta' MS Three Services Ltd. il-konvenut inghata zewg tenders sostanzjali ghall-provista ta' training services fil-qasam tal-industrija tal-gaming bil-valur ta' €98, 450 u recentement kien iffirma kuntratt iehor ghall-training

mal-Malta Financial Services Authority.[21] Dak iz-zmien fis-sena 2019, il-konvenut kien diga' jbati mid-dijabete u jbati minn problemi fil-vizta ta' ghajnejh u certament id-dijabete ma tostakolax li jkompli joffri servizzi ta' training, filwaqt li l-vizta ta' ghajnejh tista' tikkrea problemi, hemm rimedji sabiex ighinuh jutilizza l-kompjuter kif hu stess ammetta.

Huwa inkoncepibbli kif il-konvenut jista' jghaddi b'€612 meta mdorri b'certi pagi. Ma kkontestax il-fatt li jikri l-appartament ta' San Giljan, madanakollu, dina l-Qorti taqbel mal-attrici li post San Giljan, zgur ma jinkeriex ghall-prezz minimu ta' €500 fix-xahar u ghalhekk il-verzjoni tal-konvenut ma tirrizultax kredibbli.

Madanakollu, il-Qorti tqis li ghandha tikkunsidra ukoll il-fatt li mal-likwidazzjoni tal-assi, stante l-fatt li l-konvenut gie assenjat is-socjeta' MS Three Services Ltd, ai finijiet ta' ekwiparazzjoni mal-attrici kellu jghaddilha s-somma ta' €243,673 u ma' dan jridu jigu aggunti l-€360,000 li huwa sehem l-attrici mill-bejgh tad-dar matrimonjali. Isegwi ghalhekk li l-attrici spiccat li mal-likwidazzjoni tal-assi hadet is-somma totali ta' €603,673, filwaqt li l-konvenut spicca ha €116,327.

Tenut kont tal-fatt, li certament kien hemm nuqqas fil-mezzi tal-konvenut, l-attrici irceviet somma sabiha ghas-saldu ta' sehemha ta' parti mill-komunjoni tal-akkwisti li tista' tinvestiha, mhux car fejn l-attrici qed tghix prezentement u jekk akkwistatx proprjeta' u ghalhekk jekk hijiex ser tutilizza dawn il-flus f'dan is-sens. Dan

[21] Doks. MS 6 – MS 7

kollu sta għall-attriċi, iżda jibqa' l-fatt li l-bżonnijiet tagħha żgur jeċċedu l-€140 fix-xahar.

Għaldaqstant, tenut kont taċ-ċirkostanzi, l-ammont ta' manteniment għall-attriċi għandu jitnaqqas għal €300 fix-xahar.

**Maltese House Limited**

Jirriżulta li dwar dina s-soċjeta' li l-konvenut igħid li kien waqqaf kienu nfetħu kontriha proċeduri mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. L-istess soċjeta' kienet ipprezentat appell kontra d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni[22] li permezz tagħha kien allegatament irrifjuta oġġezzjoni illi kienet għamlet l-istess soċjeta' fir-rigward diversi stimi (assessments) illi kienu nħargu fil-konfront tagħha mill-istess Kummissarju.

Primarjament għandu jingħad li l-konvenut kien u baqa' l-uniku direttur tal-imsemmija soċjeta' u għalhekk kien unikament responsabbli f'għajnejn il-liġi fiskali in partikolari. Skond il-Kummissarju l-konvenut kien negliġenti ħafna in kwantu jirrigwarda l-presentazzjoni tal-income tax returns tas-soċjeta' in kwistjoni kif ukoll rigward l-*audited accounts* u dan kellu jsir fil-kapaċita' tiegħu bħala direttur tal-istess soċjeta'.

Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-attriċi li fil-kapaċita' tiegħu *qua* direttur, il-konvenut kien responsabbli għad-dejn li kellha s-soċjeta'. Inoltre, azzjonist irreġistrat taħt l-istess soċjeta' ma huwiex personalment responsabbli skond il-liġi għad-dejn tal-kumpanija,

[22] Dok. GPX 1

tkun xi tkun in-natura ta' dan id-dejn. Mizjud ma' dan l-azzjonista hija rregistrata taht is-socjeta' MS Three Services.

Ghaldaqstant, id-dejn attribwibbli lill-konvenut ma jifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti, izda huwa dejn tas-socjeta' Maltese House Limited li ghalih kien responsabbli l-konvenut u allegatament kien hemm nuqqasijiet da parti tieghu fil-vesti ta' direttur. Tkun xi tkun id-decizjoni, jekk kemm il-darba, jirrizulta li hemm dejn, dan ghandu jibqa' responsabbilita' tal-konvenut u dan meta fil-kapacita' tieghu qua direttur ma wettaqx ir-responsabbiltaijiet tieghu kif tixtieq il-ligi u inoltre huwa dejn tas-socjeta'.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba stante li l-partijiet waslu ghall-ftehim fuq il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.
3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett mitt Euros (€300) fix-xahar.
4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba stante li d-dar matrimonjali nbieghet fil-mori tal-proceduri.
5. Tilqa' l-hames talba attrici.

6. Tilqa' s-sitt talba attrici in kwantu tikkonferma l-ftehim tal-partijiet rigward il-bejgh tad-dar matrimonjali u s-socjeta' MS Three Services Ltd. u tillikwidaha u tassenja r-rimanenti assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.
7. Tichad is-seba' talba attrici stante li m'ghadx hemm in-necessita'.
8. Tichad it-tmien talba attrici stante li m'ghadx hemm in-necessita'.
9. Tilqa' d-disa' talba attrici sa fejn applikabbli.
10. Tichad l-ghaxar talba attrici.
11. Tilqa' l-hdax-il talba attrici u tordna li s-sentenza tigi rregistrata fir -Registru Pubbliku.

**<u>Kontro-Talba</u>**

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-konjugi minghajr ma taddebita tort lil ebda mill-partijiet ghar-ragunijiet fuq imfissrin.
2. Tichad it-tieni kontro-talba ghar-ragunjiet fuq imfissra dwar responsabbilita'.
3. Tichad it-tielet kontro-talba ghar-ragunjiet imfissra dwar responsabbilita'.
4. Tichad ir-raba' kontro-talba stante li ma tezistix raguni fil-ligi sabiex tordna d-dekadenza.
5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames kontro-talba stante li d-dar matrimonjali nbieghet fil-mori tal-kawza.
6. Tilqa' s-sitt kontro-talba u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti skond miftiehem bejn il-partijiet u dwar ir-rimanenti assi skond kif imfisser iktar 'l fuq minn dina l-Qorti.

7. Tichad is-seba’ kontro-talba, stante li m’ghadx fadal in-necessita’.
8. Tilqa’ t-tmien kontro-talba sa fejn applikabbli.
9. Tichad id-disa’ kontro-talba stante dak li gie deciz fis-sottotitolu “Manteniment.”
10. Tilqa’ l-ghaxar kontro-talba u tordna li dina s-sentenza tigi rregistrata fir-Registru Pubbliku.

Stante l-ftehim milhuq bejn il-partijiet l-ispejjez ghandhom jinqasmu bejniethom.

**Onor. Imhallef Dr. Anthony Vella** **Registratur**